III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## IL-506 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIT-18 U D-19 TA' MARZU 2015

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment – Pjan ta' Investiment għall-Ewropa**

*(COM(2014) 903 final)*

**u "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013"**

*(COM(2015) 10 final – 2015/0009 (COD))*

(2015/C 268/05)

**Relatur: is-Sur Michael SMYTH**

Nhar id-19 ta' Diċembru 2014, nhar it-28 ta' Jannar 2015 u nhar it-3 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikoli 172, 173, 175, 182 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*"Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment – Pjan ta' Investiment għall-Ewropa"*

(COM(2014) 903 final)

u dwar

*"Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013"*

(COM(2015) 10 final – 2015/0009 (COD)).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-2 ta' Marzu 2015.

Matul il-506 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-18 u d-19 ta' Marzu 2015 (seduta tad-19 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'200 vot favur, 6 voti kontra u 11-il astensjoni.

1. **Sommarju u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u japprezza l-bidla fit-ton lil hinn mill-awsterità u l-konsolidazzjoni fiskali. Il-Kummissjoni issa tagħraf li hemm nuqqas ta' investiment u domanda aggregata u li s-suq finanzjarju għadu ma jistax ikollu rwol sħiħ biex jagħti spinta lit-tkabbir.

1.2. Il-Pjan ta’ Investiment huwa pass fid-direzzjoni t-tajba iżda hemm għadd ta’ mistoqsijiet serji dwar id-daqs tiegħu meta mqabbel mal-bżonnijiet ta’ investiment enormi tal-Ewropa, dwar il-livell għoli ta’ ingranaġġ mistenni, dwar il-fluss potenzjali ta’ proġetti ta’ investiment adatti, dwar l-istrateġija ta’ kummerċjalizzazzjoni biex jiġi attirat il-kapital privat minn ġewwa u minn barra l-Ewropa, dwar l-involviment tal-SMEs speċjalment għall-mikrointrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar, u dwar l-għażla taż-żmien tal-Pjan.

1.3. Hemm inċertezza dwar jekk tistax tiġi żviluppata sensiela ta’ proġetti li joffru redditi li jħajru investituri istituzzjonali. Il-KESE jinnota b dispjaċir li l-KE ma implimentatx il-prinċipji tar-Reglament tagħha stess (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] (Artikolu 5), żviluppat aktar fir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 [2] fil-proposta attwali, u jirrakomanda bil-qawwa li l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili organizzata jiġu involuti fil-proċess tat-teħid ta’ identifikazzjoni fil-livell nazzjonali. Dan in-nuqqas ta’ involviment tal-partijiet interessati fis-sjieda tal-proposti huwa evidenti fil-lista ta’ proġetti potenzjali ta’ Diċembru.

1.4. Għandha tingħata attenzjoni akbar sabiex jinħoloq ambjent tan-negozju faverovoli u prevedibbli. Mingħajr il-kunfidenza tal-investituri, regolamentazzjoni aħjar u spejjeż adatti biex isir in-negozju fl-UE, ftit li xejn hemm tama li tal-inqas jerġa’ jkun hemm tkabbir moderat bl-impjiegi ġodda neċessarji.

1.5. Il-Pjan jipproponi li l-kontribuzzjonijiet għall-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) mill-Istati Membri ma jiġux inklużi fil-kalkoli tad-defiċit tal-baġit u dan għandu jintlaqa’ tajjeb. Il-Kummissjoni għandha tispjega għalfejn l-infiq infrastrutturali pubbliku strateġiku kontinwu mhuwiex ittrattat bl-istess mod. X’inhi d-differenza bejn trattament baġitarju favorevoli tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri lejn investimenti produttivi taħt il-FEIS u Regola tad-Deheb proprja?

1.6. Il-KESE jemmen li wasal iż-żmien li nirrikonoxxu li l-Ewropa għandha bżonn ta’ programm ta’ investiment pubbliku u privat sostanzjali sabiex jerġgħu jinkisbu t-tkabbir, l-impjiegi u l-prosperità. L-investiment pubbliku strateġiku kif hu previst fil-Pjan u li jirfed l-iżvilupp ekonomiku preżenti u futur għandu jiġi inċentivat permezz ta’ qafas fiskali Ewropew aktar pożittiv. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tniedi diskussjoni dwar it-tfassil ta’ regola fiskali adatta għall-Ewropa, b’għarfien sħiħ tal-għadd kbir ta’ diffikultajiet biex jingħataw definizzjonijiet u biex jitfassslu kondizzjonalitajiet adatti.

1.7. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-ILO dwar l-iffokar fuq l-attirar ta’ proġetti vijabbli mir-reġjuni bl-ogħla rati ta’ qgħad, bl-involviment attiv tal-imsieħba soċjali u l-partijiet interessati nazzjonali. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu kkunsidrati l-istrateġiji makroreġjonali waqt l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta’ proġetti potenzjali.

## 2. **Kuntest**

2.1. Il-livell ta’ investiment fl-Ewropa naqas bi 15 % taħt l-ogħla livell fil-perjodu ta’ qabel il-kriżi. Fl-istess ħin insibu livelli għoljin ta’ rati tat-tfaddil madwar l-Ewropa; il-karti tal-bilanċ korporattivi fihom ħafna likwidità; l-investituri istituzzjonali għandhom ħafna flus filwaqt li l-baġits ta’ bosta Stati Membri jinsabu fil-limiti tagħhom jew qed jiċċkienu.

2.2. Dan il-livell baxx ta’ investiment huwa iktar u iktar inaċċettabbli meta l-ispiża tal-kapital kemm f’termini nominali kif ukoll f’termini reali jinsab fl-inqas livell. Jidher ċar li s-swieq li jlaqqgħu flimkien id-domanda għall-investiment u l-forniment ta’ finanzjament tal-investiment mhux qed jiffunzjonaw sew madwar l-Ewropa. Fil-komunità tal-investiment hemm nuqqas ta’ fiduċja fl-ambjent ekonomiku. L-inċertezza qed tolqot ħażin il-kunfidenza tan-negozju. It-tielet pilastru tal-Pjan għandu l-għan li jindirizza r-riforma regolatorja u jissimplifika l-qafas għall-investiment fl-Ewropa. Dan mhux se jintlaħaq faċilment.

(1) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.
(2) ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1.

2.3. X'inhu l-qofol tal-pjan ta' investiment għall-Ewropa? Il-pjan jinkludi tliet pilastri:

— il-ħolqien ta' Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi garantiti b'EUR 21 biljun mill-baġit tal-UE u riżervi tal-BEI li – skont is-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni – jistgħu joffru ingranaġġ addizzjonali ta' EUR 294 biljun bħala finanzi għall-investiment fuq tliet snin;

— sensiela tal-investiment ta' proġetti strateġiċi appoġġjati minn ċentru ta' investiment speċjalizzat li jipprovdi assistenza teknika;

— it-tneħħija tal-ostakli għall-investiment u titjib fir-reġim regolatorju.

2.4. Il-FEIS huwa simili għal entità b'għan speċjali (Special Purpose Vehicle – SPV) stabbilita fi ħdan il-BEI sabiex tassumi investimenti b'riskju ogħla mill-bqija tal-bank u b'hekk tiġi assigurata l-klassifikazzjoni AAA tal-BEI. F'dan ir-rigward, il-FEIS huwa innovazzjoni. Dan jirrappreżenta wkoll tbegħid sinifikanti mit-twemmin li l-fondi mill-baġit tal-UE ser jintużaw bħala garanzija jew kontinġenza li ttaffi kontra telf potenzjali fuq l-investimenti tal-FEIS.

2.5. F'termini ta' effetti ta' ingranaġġ, il-EUR 21 biljun bħala finanzjament inizjali se jippermettu lill-BEI biex isellef EUR 63 biljun bl-użu tal-mudell ta' negozju normali tiegħu. Il-Kummissjoni tassumi li l-FEIS imbagħad ifittex investituri mis-settur privat u investituri oħrajn għal proġetti adatti, u dan għandu l-potenzjal li jillibera total ta' EUR 315 biljun f'investiment kapitali. Il-qofol għal dan l-effett ta' ingranaġġ huwa li l-FEIS jipprovdi protezzjoni tar-riskju lill-BEI li jippermetti lill-Bank biex jinvesti fi proġetti aktar riskjużi.

2.6. Il-Kumitat jirrikonoxxi l-fatt li l-Kummissjoni tidentifika l-bżonn li jitneħħew l-ostakli għan-negozju. Ir-riżorsi finanzjarji ppjanati jirrappreżentaw biss id-differenza tal-investiment medju annwali minn rata ta' investiment b'saħħitha, għaldaqstant investiment addizzjonali bħal dan ikun meħtieġ kull sena. Sabiex din l-inizjattiva tilħaq l-għan tagħha, l-ambjent tan-negozju għandu jkun aktar favorevoli, pereżempju:

— Ir-regolamentazzjoni aħjar u ambjent regolatorju prevedibbli li jappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet fit-tul huma prekondizzjonijiet neċessarji;

— L-ispejjeż biex isir in-negozju fl-Ewropa huma kbar wisq. Huwa importanti li jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, fost fatturi oħrajn;

— Sabiex l-UE tiġi stabbilita bħala post minn fejn in-negozji jkollhom l-aħjar aċċess għas-suq globali, għandha tiġi segwita politika ambizzjuża tal-UE dwar il-kummerċ.

## 3. **Kummenti dwar il-Pjan ta' investiment għall-Ewropa**

3.1. Filwaqt li l-ewwel reazzjoni għall-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa kienet favorevoli, sussegwentement ġie kritikat ħafna. Xi kummentaturi kienu mingħajr dubju negattivi filwaqt li oħrajn laqgħuh għalkemm indikaw xi nuqqasijiet. Ħafna mill-kummenti negattivi joriġinaw min-nuqqas ta' ftehim dwar il-kuntest attwali tal-Pjan. Idealment, pjan ta' investiment komprensiv għall-Ewropea jkun xprunat minn proġetti strateġiċi ffinanzjat mill-pubbliku u mmirati li jsaħħu t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

3.2. Kritika ewlenija għall-pjan hija li dan huwa żgħir wisq, meta mqabbel mal-iskala tan-nuqqas ta' investiment fl-Ewropa. Permezz tal-Pjan huwa mistenni effett multiplikatur ta' 1:15. Xi wħud jargumentaw li din l-iskala ta' effett ta' ingranaġġ mhijiex kredibbli ([3]). Il-Kummissjoni tistenna li l-EUR 21 biljun tal-bidu jkollhom effett ta' ingranaġġ doppju, l-ewwel b'finanzjament ta' bonds fis-settur privat biex jissaħħaħ id-daqs tal-FEIS u t-tieni meta proġetti jiġu appoġġjati minn kapital tal-FEIS li mbagħad jattira investiment privat addizzjonali. Ma hemm l-ebda dubju li l-effett multiplikatur mistenni huwa kbir ħafna iżda dan jaqa' fil-firxa tal-effett ta' ingranaġġ li fil-fatt inkiseb mill-BEI fil-passat. Minkejja n-natura aktar riskjuża tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-FEIS, il-fatt li l-Fond ser jinżamm fi ħdan il-BEI u jkun ġestit minnu għandu jiżgura li l-ingranaġġ finanzjarju jkun għoli.

3.3. Għal proġetti akbar tal-infrastruttura u speċjalment għal proġetti transkonfinali l-perjodu ta' introduzzjoni jista' jkun diversi snin minħabba ostakoli politiċi, ambjentali, regolatorji jew xi kultant sempliċiment NIMBY-ism ([4]). Dawn l-ostakoli jqajmu żewġ kwistjonijiet oħra. L-ewwel nett, se jkun hemm għadd suffiċjenti ta' proġetti kbar ta' infrastruttura ppjanati li jkunu kemm strateġiċi kif ukoll attraenti għall-investituri? It-tieni nett, fuq tliet snin, investiment ta' EUR 315 biljun jimplika madwar EUR 100 biljun fis-sena li huma 40 % ogħla mil-livelli tal-investiment attwali tal-UE u ma jidhirx li huwa vijabbli. Din il-kritika hija valida sa ċertu punt. Madwar 25 % (EUR 75 biljun) tal-finanzjament tal-FEIS se jkunu immirati lejn l-SMEs u l-kumpaniji ta' daqs medju u għandhom jibdew joperaw pjuttost malajr. Il-bqija tal-investimenti tal-Fond se jitwarrbu għat-tipi ta' proġetti deskritti fir-rapport tat-Task Force dwar l-Investiment fl-UE. Studju ta' din il-lista komprensiva jissuġġerixxi li hemm potenzjal ta' sett sostanzjali ta' proġetti fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport, l-innovazzjoni u l-qasam diġitali li jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ tal-FEIS.

3.4. Kritika ewlenija għall-Pjan ta' Investiment hija li l-impatt tiegħu huwa fuq perjodu medju jew fit-tul meta dak li hu meħtieġ huwa programm ta' investiment għall-perjodu qasir simili għall-Programm Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku matul ir-riċessjoni reċenti. Il-konsegwenzi baġitarji ta' dan l-approċċ jistgħu jiġu mmaniġġjati permezz ta' qafas iktar flessibbli għall-kontijiet nazzjonali u din il-kwistjoni hija żviluppata aktar fit-taqsima 4 ta' din l-opinjoni.

3.5. Tqajmu wkoll mistoqsijiet dwar il-kapaċità tal-BEI li jiġġestixxi fond daqstant ambizzjuż. F'termini ta' finanzjament għall-SMEs u l-impriżi ta' daqs medju, speċjalment għall-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar, xi wħud jemmnu li mhux se jkun hemm biżżejjed riżorsi tal-persunal fi ħdan il-BEI biex ikollu kuntatt dirett mal-kumpaniji. Għalhekk se jkun hemm dipendenza akbar fuq banek kummerċjali fl-għażla tal-mikrointrapriżi, l-SMEs u kumpaniji ta' daqs medju u biex jingħataw finanzjament relattivament irħis. Ir-riskju hawnhekk huwa li l-banek jagħżlu l-aktar klijenti kummerċjali favoriti tagħhom li xorta waħda jkunu se jingħataw finanzjament u dan jagħti lok għall-hekk imsejjaħ effett "deadweight". Il-KESE jitlob li jittieħdu passi biex dan jiġi evitat. Dan jista' jsir, fost oħrajn, b'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-SMEs.

3.6. Soluzzjoni waħda possibbli għal dan ir-riskju hija li l-Aġenziji tal-Iżvilupp Reġjonali u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju jingħataw rwol akbar fl-identifikazzjoni ta' mikrointrapriżi, SMEs u kumpaniji ta' daqs medju li għandhom jiġu appoġġjati mill-Fond. Dawn l-Aġenziji u assoċjazzjonijiet tipikament ikollhom għarfien aħjar, u jkunu aktar qrib tan-negozji, u jistgħu jagħtu kontribut effettiv għal valutazzjonijiet tar-riskju. Waqt li jirrikonoxxi li hemm xi kwistjonijiet ta' periklu morali, il-KESE appella għal approċċ bħal dan fil-passat u jemmen li din tista' tkun miżura effettiva fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Investiment ([5]).

3.7. Saru paralleli bejn il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u l-Inizjattiva għat-tkabbir li tnediet fl-2012 ([6]). L-Inizjattiva għat-tkabbir kienet tinkludi pakkett ta' EUR 120 biljun ta' fondi miġbura minn baġits riallokati, imma ftit li xejn ġie implimentat minnha. Din hija kritika valida u jirriżulta li l-introduzzjoni tal-Pjan għandha tkun kemm trasparenti kif ukoll kkomunikata sew. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjoni il-fatt li l-Pjan u l-FEIS se jiġu mmonitorjati mill-qrib mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Il-KESE għandu jaqdi wkoll ir-rwol tiegħu fl-iskrutinju tal-prestazzjoni tal-Pjan matul it-tliet snin li jmiss.

---

([3]) Ara pereżempju: *Europe's Great Alchemist*, The Economist, id-29 ta' Novembru 2014; Daniel Gros, *The Juncker Plan: From €21 to €315 billion, through smoke and mirrors*, CEPS, 27. Novembru 2014.

([4]) NIMBY huwa akronimu għal "Not In My Back Yard"

([5]) Ara pereżempju l-Opinjoni tal-KESE dwar *Il-fondi għan-negozju: investigazzjoni dwar mekkaniżmi ta' provvista alternattivi*, (ĠU C 451, 16.12.2014, p. 20).

([6]) CEPS, Novembru 2014, paġna 2.

3.8. Hija ħasra li l-Kummissjoni Ewropea m'għandhiex la r-riżorsi finanzjarji u lanqas l-appoġġ politiku biex talloka riżorsi addizzjonali sostanzjali sabiex tibda tniedi pjan ta' investiment Ewropew komplet. Din ir-restrizzjoni baġitarja partikolari tidher li hija assolutament vinkolanti. F'sitwazzjoni fejn ma tantx hemm flus disponibbli fil-baġit tal-UE, dak li qed jiġi propost skont il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa huwa aħjar mix-xejn.

3.9. Il-Kummissjoni tqis li l-Pjan jirrappreżenta addizzjonalità reali għal politiki strutturali oħra minħabba li l-FEIS ser jidħol fis-seħħ biss meta sorsi alternattivi ta' finanzjament ma jkunux disponibbli. Barra minn hekk, qed jintqal li l-FEIS se jkun addizzjonali għal investimenti oħra tal-BEI minħabba li jista' jindirizza riskju ogħla. Il-FEIS se jkun iktar flessibbli f'termini tal-istrumenti finanzjarji li juża. Dawn jistgħu jinkludu ekwità, kważi-ekwità, kapital ta' riskju, il-finanzjament tad-dejn jew garanziji għat-titolizzazzjoni ta' self. Il-FEIS se jopera f'kollaborazzjoni, fejn possibbli, ma' banek promozzjonali nazzjonali. Il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll li l-Pjan jiġi appoġġjat bit-twaqqif ta' Fondi Ewropej tal-Investiment fuq terminu twil (ELTIF), flimkien ma' azzjonijiet biex jinħolqu swieq u vetturi tat-titolizzazzjoni ġodda sabiex titwessa' l-bażi ta' finanzjament għal proġetti u SMEs. Dawn l-iżviluppi huma mixtieqa iżda kellhom iseħħu ħafna qabel.

3.10. Il-Kummissjoni tipprevedi li l-Pjan ta' Investiment jkun flessibbli biżżejjed f'termini tal-FEIS, sensiela ta' proġetti u ċ-ċentru ta' konsulenza dwar l-investiment, sabiex jippermetti li l-fażijiet ta' investiment futuri jidħlu fis-seħħ fis-snin li ġejjin. Il-Pjan għandu struttura ta' governanza stretta fi ħdan il-BEI. Kull proġett bl-appoġġ tal-FEIS irid jiġi approvat mill-bord tal-BEI kif mitlub mit-Trattat. Il-KESE jirrakkomanda li l-imsieħba soċjali u l-partijiet interessati jiġu involuti mill-qrib fil-proċess tal-għażla tal-proġetti ta' investiment pubbliku fil-livell nazzjonali – format wieħed possibbli huwa li jintużaw il-Kumitati ta' Monitoraġġ tal-Ftehimiet ta' Sħubija Nazzjonali.

3.11. Il-FEIS ser ifittex li jippromovi l-proġetti b'riskju ogħla li jtejbu t-tkabbir, l-impjiegi u l-produttività. Għadu mhuwiex ċar jekk il-pjattaformi ta' koinvestiment (li jinkludu l-FEIS, banek promozzjonali nazzjonali u istituzzjonijiet finanzjarji privati) hux ser ikunu attraenti biżżejjed għall-parteċipanti. F'dan ir-rigward, il-KESE jirrakkomanda strateġija proattiva favur il-kummerċjalizzazzjoni biex jiġu attirati investimenti privati billi tipprovdi aktar ċarezza dwar it-twaqqif tal-pjattaformi ta' investiment u billi tagħti rwol liċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza Finanzjarja (EIAH) għall-promozzjoni tal-opportunitajiet għall-investiment ġewwa u barra l-Ewropa. Il-kapaċità tal-Pjan biex jimmaniġġja r-riskju (EUR 21 biljun) hija pjuttost kbira. Għalkemm il-livelli ta' riskju se jkunu ogħla taħt il-Pjan, huwa improbabbli ħafna li tiġi applikata l-garanzija kollha u ċertament mhux f'mument partikolari wieħed fiż-żmien.

3.12. Il-Kummissjoni tistma li, jekk il-Pjan ta' Investiment jilħaq għal kollox l-għan tiegħu ta' investiment, se jinħolqu 1 sa 1,3 miljun impjieg addizzjonali matul it-tliet snin li ġejjin. Dan mhux ta' min iwarrbu, anke fil-kuntest ta' qgħad ta' 25 miljun ruħ madwar l-UE. L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) reċentament ippubblikat l-istimi tagħha għall-ħolqien ta' impjiegi taħt il-Pjan. Is-sejba prinċipali ta' dan ir-rapport tal-ILO hija li, jekk tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa għat-tfassil tal-programm u l-allokazzjoni tiegħu, jinħolqu aktar minn 2,1 miljun impjieg ġdid sa nofs l-2018. Pereżempju jekk il-finanzjament taħt il-FEIS jiġu allokati b'mod li jiġu kkunsidrati l-livelli tal-qgħad, dan iwassal għall-ogħla u l-aktar żieda ekwitabbli fl-impjiegi ([7]). Il-KESE jappella biex meta tittieħed deċiżjoni dwar proġetti potenzjali jitqiesu l-prijoritajiet tal-istrateġiji makroreġjonali. Għalhekk jidher ċar li l-kriterji li jridu jintużaw biex jintgħażlu proġetti li jiġu appoġġjati taħt il-Pjan għandhom isiru pubbliċi malajr kemm jista' jkun.

3.13. Jekk il-Pjan ta' Investiment jirnexxilu jattira kapital addizzjonali għall-FEIS mill-Istati Membri il-Kummissjoni se tqis b'mod favorevoli dawn il-kontribuzzjonijiet fil-valutazzjonijiet tagħha tal-kriterji tad-dejn u d-defiċit skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Milli jidher dan pjuttost jirrappreżenta bidla fl-attitudni tal-Kummissjoni iżda dan mhux biżżejjed. Il-KESE jiddikjara li jinsab lest biex jipparteċipa b'mod attiv f'diskussjoni ulterjuri dwar kif għandhom jiġu promossi investimenti aħjar madwar l-Ewropa, inkluż billi tingħata flessibilità akbar taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tesplora l-opportunitajiet li jinħoloq ambjent fiskali favorevoli għall-investimenti fl-Ewropa.

([7]) "An Employment Oriented Investment Strategy for Europe", ILO, Jannar 2015.

4. **Wasal iż-żmien għal Regola tad-Deheb ġdida għall-Ewropa?**

4.1. Il-KESE jilqa' l-proposta li l-kontribuzzjonijiet għall-FEIS mill-Istati Membri ma jiġux inklużi fil-kalkoli tad-defiċit baġitarju. Madankollu dan iqajjem il-mistoqsija għalfejn l-infiq infrstrutturali pubbliku strateġiku li għaddej bħalissa mhuwiex trattat bl-istess mod. X'inhi d-differenza bejn trattament baġitarju favorevoli tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri lejn investimenti produttivi taħt il-FEIS u Regola tad-Deheb proprja?

4.2. Dawk li jipproponu regola tad-deheb Ewropea jargumentaw li hemm inkonsistenza kbira hawnhekk. Taħt il-qafas tal-politika fiskali Ewropew attwali, l-inċentivi avversi ħolqu nuqqas ta' investiment pubbliku. B'mod ġenerali l-investiment pubbliku jżid l-istokk tal-kapital pubbliku u jiġġenera t-tkabbir għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. Minn dan jirriżulta li l-ġenerazzjonijiet futuri għandhom jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' dawk l-investimenti għax jekk nonqsu li nippermettu finanzjament ta' dejn ta' ġenerazzjonijiet futuri jinħoloq piż tat-taxxa sproporzjonat fuq il-ġenerazzjoni preżenti u dan iwassal għal nuqqas ta' investiment ([8]). Dan qed jiġri bħalissa fl-Ewropa.

4.3. Jista' jitressaq l-argument li ż-żieda fil-flessibiltà fil-każ tal-investimenti taħt l-FEIS hija fil-fatt regola tad-deheb fuq skala żgħira. Il-kwistjoni ta' regola fiskali Ewropea mfassla tajjeb għandha tiġi diskussa b'għarfien sħiħ dwar l-għadd kbir ta' diffikultajiet fid-definizzjonijiet. Għandha ssir ukoll diskussjoni dwar l-identifikazzjoni ta' kondizzjonalitajiet adatti. Il-KESE jemmen li wasal iż-żmien li nirrikonoxxu li l-Ewropa għandha bżonn ta' programm ta' investiment pubbliku u privat sostanzjali sabiex jerġgħu jinkisbu t-tkabbir, l-impjiegi u l-prosperità. L-investiment pubbliku u privat strateġiku kif hu previst fil-Pjan u li jirfed l-iżvilupp ekonomiku preżenti u futur għandu jiġi inċentivat permezz ta' qafas fiskali Ewropew aktar pożittiv.

Brussell, id-19 ta' Marzu 2015.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

---

([8]) Għal analiżi bir-reqqa tal-litteratura u l-modalitajiet dwar ir-Regola tad-Deheb, ara *Implementing the Golden Rule for Public Investment in Europe* minn Achim Truger. http://blog.arbeit-wirtschaft.at/wp-content/uploads/2015/03/Endfassung.pdf, f'Materialien zu Wirtschaft und Gesellschaft Nr. 138, Dokument ta' ħidma AK-Wien.